

PROPRJETÀ INTELLETTWALI (IP) TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-SMEs 2019

Sommarju Eżekuttiv



PROPRJETÀ INTELLETTWALI (IP) TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-SMES 2019

*Ikkummissjonata mill-
Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)
mill-KPMG Spanja*

Ottubru 2019

Sommarju eżekuttiv

PROPRJETÀ INTELLETTWALI (IP)
TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-SMEs - 2019

Ekonomija b'saħħitha u stabbli hija essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea (UE), u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma essenzjali biex ikunu żgurati l-ħolqien ta' impjegi u tkabbir tal-ekonomija fl-UE.

L-importanza tal-SMEs għall-ekonomija tal-UE ma tistax tiġi sottovalutata. Ir-rapport annwali 2017/2018 dwar l-SMEs tal-UE⁽¹⁾ żvela li dawn jimpjegaw tnejn minn kull tliet impjegati u jipprovdu 57 % tal-valur miżjud fl-UE. Madankollu, huwa stmat li madwar 30-60 % biss tal-SMEs jissopravvivo aktar minn 5 snin ta' negozjar. Biex jgħinu lill-ekonomija tal-UE, l-SMEs jeħtieġu appoġġ biex jgħelbu dan il-perjodu, u l-innovazzjoni hija waħda mir-raġunijiet ewlenin biex in-negozji jissopravvivo u jikbru.

L-innovazzjoni tippermetti li negozji żgħar jissaħħu u jikbru, u biex jimpjegaw aktar nies, u fl-aħħar nett dan iwassal għal ekonomija tal-UE ikbar u iktar b'saħħitha. Għaldaqstant, l-innovazzjoni fl-SMEs jeħtieġ li tittejjeg sabiex tappoġġa l-ispinta tal-Kummissjoni għal tkabbir ekonomiku intelliġenti u sostenibbli.

Il-proprjetà intellettuali (IP) għandha rwol vitali fil-promozzjoni tal-innovazzjoni peress li tipprovdi mekkaniżmu li jipproteġi u jibbenefika lil dawk li jinvestu ħin, sforz u flus fl-innovazzjoni.

Il-proġett konġunt bejn l-EUIPO u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) 'Kumpaniji b'rata għolja tat-tkabbir u d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali'⁽²⁾ sab li l-SMEs bi drittijiet ta' proprjetà intellettuali rreġistrati (DPI) għandhom 21 % aktar probabbiltà li jesperjenzaw perjodu ta' tkabbir sussegwenti u 10 % aktar probabbiltà li jsiru kumpanija b'rata għolja tat-tkabbir. Barra minn hekk, dawk b'ħafna DPI għandhom ferm aktar probabbiltà li jiksibu rata għolja tat-tkabbir.

Fl-2016 l-EUIPO ppubblika l-ewwel Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs dwar l-IP biex jipprovdi għarfien dwar ir-raġuni għaliex l-SMEs jirreġistraw id-DPI jew le, u liema problemi relatati mad-DPI jiltaqgħu magħhom. Dan l-istudju saret referenza għalih f'numru ta' dokumenti ta' politika kemm fl-ivell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, inkluż id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-UE 'Putting intellectual property at the service of SMEs to foster innovation and growth' ('Inqegħdu l-proprjetà intellettuali għas-servizz tal-SMEs għat-trawwim tal-innovazzjoni u t-tkabbir')⁽³⁾.

Bħala parti mill-impenn tiegħu li jaġġorna l-istudji maġġuri tiegħu kull 3 snin, l-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali (l-Osservatorju) ikkummissjona lill-KPMG biex ilestu studju ġdid għall-2019 dwar l-attitudnijiet tal-SMEs lejn id-DPI. L-għan tal-istudju huwa li jintlaħaq fehim aħjar dwar kif l-SMEs tal-UE jipperċepixxu u jużaw id-DPI. Lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, dan se jipprovdihom bażi ta' evidenza aġġornata u rilevanti li minnha jtfasslu politiki għas-sensibilizzazzjoni u l-użu tad-DPI.

Permezz tal-użu data mill-Eurostat, l-EUIPO fassal kampjun rappreżentattiv u stratifikat ta' SMEs mit-28 Stat Membru kollha tal-UE. Dan il-kampjun tfassal biex ikun hemm teħid żejjed ta' kampjuni ta' SMEs b'DPI meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali (madwar 50 % ta' sidien ta' DPI) sabiex ikunu jistgħu jinġabru riżultati rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mas-sjeda ta' DPI.

⁽¹⁾ [Rapport tal-SMEs tal-UE 2016/2017.](#)

⁽²⁾ [Kumpaniji b'rata għolja tat-tkabbir u d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.](#)

⁽³⁾ [Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-UE, Putting intellectual property at the service of SMEs to foster innovation and growth.](#)

B'kollox saru 8 349 intervista ma' SMEs, li jkopru firxa ta' setturi kif ukoll daqsijiet ta' kumpaniji u pajjiżi. Għall-biċċa l-kbira tal-analiżijiet ta' dan ir-rapport, l-SMEs huma maqsuma f'żewġ sottogruppi: dawk li ddikjaraw li huma sidien ta' DPI (4 401) u dawk li ddikjaraw li ma kinux sidien (3 948).

Bħal fil-każ tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs li għandhom IP tal-2016, l-intervisti mal-SMEs saru bit-telefon bl-opzjoni li l-proċess jitlesta online. Il-kwestjonarju kien disponibbli bi 23 lingwa tal-UE, u l-intervisti saru fil-lingwa magħżula mill-SME.


Sejbiet Ewlenin

Innovazzjoni — Perċezzjonijiet u Realtà

L-innovazzjoni hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, u l-maġġoranza tal-SMEs (58 %) jiddikjaraw li huma innovattivi. Sidien ta' DPI x'aktarx ikunu iktar innovattivi, bi 73 % jiddikjaraw li huma hekk, meta mqabbla ma' 42 % li mhumiex sidien. Il-biċċa l-kbira tal-innovazzjoni hija fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda, bi 63 % tas-sidien ta' DPI u 31 % li mhumiex sidien ikunu innovattivi f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, sidien ta' DPI x'aktarx li jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet oħrajn dwar innovazzjonijiet ġodda kważi darbtejn iktar minn dawk li mhumiex sidien. L-universitajiet u l-akkademja huma s-sħab ta' kollaborazzjoni l-iktar komuni għas-sidien ta' DPI, bl-involviment tagħhom fi kważi terz (32 %) mill-każijiet. Dawk li mhumiex sidien li jikkollaboraw jippreferu jkunu sħab ma' kumpaniji kbar (34 %).

Sħab ta' kollaborazzjoni tas-sidien ta' DPI skont id-daqs tal-kumpanija



Għal sidien ta' DPI, id-DPI rreġistrati huma prodott ta' kważi nofs (46 %) il-kollaborazzjonijiet, u f'76 % tal-każijiet jew huma s-sidien tad-DPI jew għandhom sjieda konġunta. Dan il-grupp jemmen li t-trademarks huma d-DPI l-iktar importanti, bi 58 % jgħidu li t-trademarks huma ta' importanza 'kbira' għall-protezzjoni tal-kapaċità tagħhom li jieħdu vantaġġ kompetittiv mill-attività ta' innovazzjoni tagħhom.


Tqabbil tal-importanza li s-sidien ta' DPI jagħtu lill-miżuri protettivi (2016-2019)

DRITTIJET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI	2019	2016
Trademarks	58 %	38 %
Privattivi	32 %	16 %
Dritt tal-Awtur	21 %	16 %
Disinn	24 %	22 %
Indikazzjonijiet ġeografiċi	12 %	14 %
Dritt ta' min inissel/ Dritt fuq varjetà ta' pjanta	7 %	2 %
Topografija ta' semikunduttur	6 %	1 %
Mudell ta' utilità	11 %	7 %

Għarfien tad-DPI u s-sorsi ta' informazzjoni

Hemm sorsi numerużi ta' informazzjoni għall-appoġġ tan-negozji u xi drabi tista' tkun diffiċli għall-SMEs li jkunu jafu fejn ifittxu. Is-sors ta' informazzjoni li jintuża l-iktar għall-iżvilupp tan-negozju għall-SMEs sidien ta' DPI huwa l-internet, b'55 % tal-grupp juża dan il-metodu. Esperti bħall-Kmamar tal-Kummerċ (23 %) u konsulenti legali (22 %) huma fost is-sorsi l-oħra l-iktar użati.


Sorsi ta' informazzjoni għall-iżvilupp tan-negozju mis-sidien ta' DPI



Madankollu, meta tiġi mfittxija informazzjoni speċifikament relatata mar-reġistrazzjoni ta' DPI, is-sidien ta' DPI x'aktarx li jfittxu appoġġ minn professjonisti legali (50 %). 19 % biss ta' dawk li mhumiex sidien fittxew informazzjoni qabel iddeċidew li ma jirreġistrawx. L-internet kien is-sors ta' informazzjoni ppreferut minnhom, b'26 % ta' dawk li jfittxu l-parir jagħżlu din l-opzjoni.

L-ewwel pass biex tiġi utillizzata l-proprjetà intellettuali huwa li jkun hemm fehim ta' x'inhi u kif ikollha impatt fuq negozju. Kif hu mistenni, l-SMEs sidien ta' DPI huma iktar familjari magħhom minn dawk li mhumiex sidien: 77 % tas-sidien ta' DPI huma familjari magħhom b'mod moderat sa ħafna, meta mqabbel ma' 52 % ta' dawk li mhumiex sidien.


Familjarità mad-DPI skont it-tip ta' kumpanija



Raġunijiet u impatt tad-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tad-DPI

Wieħed mill-fatturi ewlenin biex jiżdied l-użu ta' DPI huwa t-titjib tal-fehim tal-benefiċċji tagħhom. Ir-raġunijiet prinċipali li taw l-SMEs sidien ta' DPI għar-reġistrazzjoni ta' DPI kienu l-prevenzjoni ta' kkuppjar (59 %), iż-żieda taċ-ċertezza legali (58 %) u t-titjib tal-immaġni u l-valur tal-kumpanija (36 %). Meta analizzati skont id-daqs tal-kumpanija, l-ordni tibqa' l-istess għall-SMEs. Madankollu, il-mikroentitajiet jagħmlu aktar enfasi fuq l-importanza taċ-ċertezza legali milli fuq il-prevenzjoni ta' kkuppjar.


Raġunijiet prinċipali għar-reġistrazzjoni tad-DPI skont id-daqs tal-kumpanija



Wara r-reġistrazzjoni, 54 % tas-sidien iddikjaraw impatt pożittiv. L-impatti prinċipali identifikati kienu żieda fir-reputazzjoni (52 %), it-turnover (39 %) u l-kapaċità ta' aċċess għal swieq ġodda (37 %). 1 % biss tas-sidien ta' DPI osservaw impatt negattiv, bi 53 % minnhom jidentifikaw nefqa eċċessiva (ħin u flus) fuq ir-reġistrazzjoni. Madankollu, din mhijiex perċezzjoni komuni, b'61 % tas-sidien ta' DPI jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda diffikultà fir-reġistrazzjoni tad-DPI.

Għal dawk mingħajr DPI irreġistrati, ir-raġuni prinċipali għaliex ma rreġistrawx kienet in-nuqqas ta' għarfien dwar x'inhi IP u l-benefiċċji tagħha. Il-perċentwal li jagħtu din ir-raġuni kiber minn 25 % fl-2016 għal 38 % fl-2019. Tabilħaqq, 61 % ta' dawk li mhumiex sidien jikkunsidraw ir-reġistrazzjoni kieku kellhom fehim aħjar tad-DPI. It-tieni raġuni l-iktar popolari għan-nuqqas ta' reġistrazzjoni fl-2019 hija iktar altruwista — 21 % tal-SMEs riedu li l-innovazzjoni tagħhom tkun liberalment disponibbli għal kull min ried jużaha.

Raġunijiet prinċipali mogħtija minn dawk li mhumiex sidien għan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tad-DPI




Monetizzazzjoni tal-innovazzjoni

Spiss id-DPI jitqiesu mill-SMEs bħala spiża aktar milli investiment peress li l-valur miżjud spiss ma jinftiehemx. 25 % biss tas-sidien ta' DPI ta' daqs medju vvalutaw b'mod professjonali l-assi intanġibbli tagħhom, u din iċ-ċifra tinżel għal 20 % kemm għas-sidien ta' DPI żgħar kif ukoll mikro.

Nuqqas ta' fehim ġenerali dwar kif jiġi massimizzat il-potenzjal tad-DPI jidher fin-numru ta' SMEs li ppruvaw jakkwistaw finanzjament ibbażat fuq l-assi intanġibbli tagħhom. Għalkemm l-aċċess għall-finanzjament huwa wieħed mill-ikbar kwistjonijiet għall-SMEs, 13 % biss tas-sidien ta' DPI ippruvaw jakkwistaw finanzjament bl-użu tal-assi intanġibbli tagħhom. Madankollu, fuq nota iktar pożittiva, 9 % għamlu dan b'suċċess.

Fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni, 24 % tas-sidien ta' DPI intervistati, iffirmaw liċenzja li tinvolvi d-DPI, b'71 % minnhom jilliċenzjaw id-DPI tagħhom lil organizzazzjonijiet oħrajn. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan kienu l-kisba ta' dħul addizzjonali (27 %) u l-espansjoni f'oqsma ġodda (setturi u ġeografiji) mingħajr ma jeħlu l-ispejjeż relatati.


L-aqwa 6 raġunijiet għal-liċenzjar tad-DPI mis-sidien ta' DPI



Infurzar

Il-ksur ta' DPI irreġistrati jista' jkun ta' tħassib għall-SMEs. Madwar 55 % tas-sidien ta' DPI jgħidu li l-ikkuppjar mill-kompetituri huwa l-ikbar theddida għad-DPI tagħhom fis-sena li ġejja. Madankollu, 29 % tas-sidien ta' DPI ma jagħmlu assolutament xejn biex jimmonitorjaw is-suq għall-ksur tad-DPI. Għal dawk li jagħmlu dan, il-metodi l-iktar komuni użati huma li jkollhom impjegat jew unità ddedikat/a għall-monitorjaġġ tal-użu (22 %), u l-użu ta' feedback li jintbagħat mill-klijenti (20 %).


Miżuri applikati mill-SMEs biex jimmonitorjaw il-ksur tad-DPI (2016–2019)



In-numru ta' SMEs li sofrew mill-ksur ta' DPI fit-3 snin preċedenti niżel minn 31 % fl-2016 għal 24 % fl-2019. Id-dritt li nkiser l-iktar kien it-trademarks (48 %), segwit mill-privattivi (24 %). L-impatti l-iktar komuni tal-ksur tad-DPI kienu identifikati bħala telf tat-turnover (33 %) u l-ħsara lir-reputazzjoni (27 %).

Meta titqies il-ħsara li jista' jikkawża ksur, xejra ta' tħassib identifikata hija li kważi nofs (48 %) l-SMEs għadhom ma jiġdux miżuri biex jevitaw il-ksur tad-DPI ta' kumpaniji oħrajn. Dawk li jagħmlu dan, il-miżuri l-iktar komuni huma li jieħdu l-pariri ta' konsultanti legali (16 %) u jagħmlu riċerka online (12 %).

Tqabbil ta' miżuri meħuda mill-SMEs biex jevitaw il-ksur ta' DPI ta' partijiet terzi



Dan l-istudju jenfasizza li l-ostaklu ewlieni għar-reġistrazzjoni tal-DPI għall-SMEs huwa n-nuqqas ta' għarfien ta' x'inhi PI u kif din tista' tkun ta' benefiċċju għan-negozju tagħhom. Ħafna huma riċettivi għall-informazzjoni li tappoġġa n-negozju tagħhom iżda għad hemm bżonn li jitjieb l-għarfien dwar il-benefiċċji tad-DPI.

Bil-ħsieb li jitħeġġeġ aktar it-ktabbir tal-SMEs f'dan l-ambjent, il-messaġġi għas-sensibilizzazzjoni dwar id-DPI għandhom juru lill-SMEs l-impatti pożittivi li l-PI jista' jkollha fuq it-tisħiħ tan-negozju tagħhom. Dawn il-messaġġi mbagħad jeħtieġ li jiġu kondiviżi f'postijiet u permezz ta' kanali li jużaw l-SMEs. L-istudju jidentifika li dawn il-kanali spiss huma differenti għas-sidien u għal dawk li mhumiex sidien tad-DPI u jistgħu jvarjaw ħafna minn pajjiż għall-ieħor, u għalhekk hemm bżonn ta' approċċ imfassal apposta għat-tixrid tal-għarfien.



PROPRJETÀ INTELLETTWALI (IP) TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-SMEs 2019

Sommarju Eżekuttiv



Ottubru 2019